MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 960/2003

**Image Systems Ltd**
**vs**

**Kosmipharma Imports Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf u tmienja u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm1088.66) rapprezentanti kera ta' "Xerox equipment" dovuta lis-socjeta` attrici minn dik konvenuta;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata tnejn (2) t'April, 2003, u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Ian Romano ghas-socjeta` attrici li kkonfemra li l-ammont ghadu dovut fuq photocopier u servizz ta' manutenzjoni li sar fuq l-istess, u fuq "leasing" ta' apparat. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tmienja u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm1088.66) bl-imghax legali mit-2 ta' April, 2003 sal-jum tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' April, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------